MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 380/2005

**Tancred V. Camilleri Limited**

**vs**

**Startrade Developments Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Frar, 2005 fejn gie mitlub li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija erbgha u erbghin liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm344.41) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta.

Minkejja interpellata thallas is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-14 ta' Settembru, 2004 u tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Novembru, 2004.

Bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet mija u erbgha u erbghin liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm344.41), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Novembru, 2004, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------